MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 915/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Carmelo Zahra u l-istess Carmelo Zahra**

**Vs**

**Sandro Bruno**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm289.11c (mitejn u disgha u tmenin lira Maltin u hdax-il centezmu) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li mhux responsabbli ghall-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.
**Ikkunsidra**

Li meta kellmu lill-pulizija ezatt wara l-incident il-partijiet qalu:

**L-attur:** “Jiena kont niezel fuq il-lane tan-naha tax-xellug (Super One) kien hemm vettura bin-numru BAT 174 hierga mill-parkegg tal-fabbrika Interprint, hareg sa nofsu u jien gbidt fuq il-lane l-ohra w ilqatt il-vettura KAA 332.”

**Driver tal-vettura KAA 332:** “Jien kont miexi fuq it-tieni lane min-naha tax-xellug, kont niezel normali u vettura DAO 927 dahlet go fija.”

Ra x-xhieda ta’ Carmelo Zahra fejn ikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Izid illi l-persuna fil-vettura BAT 174 baqghet sejra.

Ra x-xhieda ta’ Mario Mifsud, Claims Manager mas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma s-survey fuq il-vettura ta’ Zahra.

Ra x-xhieda ta’ Francis Vella fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report* u jzid illi l-attur haseb li kien hemm xi hadd hiereg mis-Super One, inhasad u dahal fil-konvenut. Jghid illi l-vettura li kien hemm fejn is-Super One kienet wieqfa dak il-hin li l-attur ghamel il-manuvra. Vella jikkonferma li Zahra kien fil-*first lane* ta’ fuq ix-xellug u hu kien fit-*tieni lane*.

Ra x-xhieda ta’ Sandro Bruno fejn jghid illi fil-hin ta’ l-incident hu kien ghadu fid-*drive* ta’ l-Interprint. Jghid illi l-vettura ta’ Carmelo Zahra kienet fit-*tieni lane* u meta rah inhassad u dahal f’Francis Vella li kien fit-*tielet lane*. Jghid ukoll illi hu kien qed jistenna l-vetturi gejjin mill-*first lane*. Ma jaqbilx ma’ l-iskizz.

F’din il-kawza hemm zewg verzjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin. Zahra jghid li l-konvenut hareg fuq il-*main road* u sabiex jevita l-habta ma’ Bruno hu kellu jdur fuq il-lemin tieghu. Il-konvenut jghid li kien wieqaf fid-*drive* u bl-ebda mod ma dahal fit-triq principali. Illi Francis Vella kkonferma l-verzjoni tal-konvenut u qal:

"Il-vettura li kien hemm fejn is-Super One ma hargitx minn fejn is-Super One…Jiena nghid li l-vettura li kien hemm fejn is-Super One kienet wieqfa dak il-hin u l-iehor ghamel il-manuvra u dahal go fiha. Jiena nghid li l-vettura li kienet fejn is-Super One ma dahlitx fit-triq. Jiena nghid li l-vettura fejn is-Super One kienet hierga."

Vella ma kellu ebda nteress li jaghti verzjoni zbaljata tal-fatti.

Ma jirrizultax li l-atturi gabu bizzejjed evidenza biex juru li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Ghalhekk dan it-Tribunal jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------